**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 170/2010**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Keith Cremona**
**(ID 530687(M))**

**Illum, 28 ta' Lulju 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Keith Cremona, ta' 22 sena, bin Francis u Therese nee` Attard, imwieled il-Pieta` fit-23 ta' Novembru 1987, residenti fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 530687(M);

Akkuzat talli fis-17 ta' Ottubru 2009, ghall-habta tal-10.30 a.m. u zmenijiet qabel waqt li kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.

101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Frar 2015, fil-waqt illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kienet qeghda tezenta lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, da parti taghha, id-difiza ezentat lill-Qorti mis-smiegh mill-gdid tax-xhieda mtella' hlief l-Ufficjali tal-Habs CO 163 Johann Carter u l-Maggur Franklin Bugeja;

Rat illi ghalhekk il-Qorti kif preseduta semghet mill-gdid lill-imsemmija zewg xhieda;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit[1], illi ghall-habta tad-9.30 a.m. tat-18 ta' Ottubru 2009, il-pulizija ta' Rahal Gdid gew infurmati mill-*control room* tal-habs illi matul il-lejl ta' qabel – ossia fis-17 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tad-9.30 p.m. - kienet instabet xi droga f'sigarett. Jghid ukoll ix-xhud, illi wara li s-Surgent Cutajar mar fuq il-post, minn investigazzjoni preliminari, irrizulta illi CO 123 (fil-fatt, dan kien CO 163) Carter gie avvicinat minn prigunier, certu Keith Cremona ossia l-imputat odjern, li dak iz-zmien kien jinsab fid-divizjoni YOURS u li dan tah tliet sigaretti, fil-waqt illi talbu sabiex jghaddihom lil certu Massimo Caruana, prigunier iehor li kien jinsab fl-istess divizjoni. Wiehed mis-sigaretti in kwistjoni kien sigarett tal-brim u meta dan infetah mill-Ufficjali tal-Habs, irrizulta li fih kien hemm xi karta li kienet tikkontjeni trab kannella. Skont ix-xhud, dawn l-oggetti gew mghoddija lill-pulizija u saret inkjesta dwar il-kaz mill-Magistrat Inkwirenti, illi hatar diversi esperti. L-Ufficjal Prosekutur jghid illi l-imputat irrilaxxja stqarrija nhar it-18 ta' Ottubru 2009[2] u gie investigat ukoll Massimo Caruana li, da parti tieghu, iddikjara li ma kien jaf xejn b'din is-sejba u nnega kwalsiasi involviment.

Mir-rapport dwar l-incident, esebit mill-Ufficjal Prosekutur[3] u kkonfermat minn PS 285 Geoffrey Cutajar waqt ix-xhieda tieghu, jirrizulta illi fit-18 ta' Ottubru 2009, il-pulizija giet infurmata da parti tal-awtoritajiet tal-habs illi kienet instabet id-droga gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fil-jum ta' qabel, u cioe` fis-17 ta' Ottubru 2009, ghall-habta tal-10.30 p.m. Mill-istess rapport, jirrizulta wkoll illi CO 163 Johann Carter spjega lill-pulizija tad-distrett[4] x'kien sehh fil-jum ta' qabel ghall-habta tal-10.30 p.m. ossia illi Keith Cremona ghaddielu tliet sigaretti biex da parti tieghu dan jghaddihom lil Massimo Caruana, prigunier iehor. Sussegwentement, flimkien mal-Maggur Bugeja huwa nduna li f'wiehed mis-sigaretti kien hemm karta li kien fiha sustanza suspettuza.

---

[1] A fol. 11 sa 13 tal-process.
[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 14 tal-process.
[3] Dan jinsab esebit a fol. 15 sa 17 tal-process.
[4] Mix-xhieda ta' PS 285 Jeffrey Cutajar (a fol. 20 u 21 tal-process) jirrizulta illi kien huwa stess illi mar il-habs nhar it-18 ta' Ottubru 2009, fejn ha l-verzjoni ta' CO 163 Carter.

Fix-xhieda tieghu tat-12 ta' Dicembru 2011, CO 163 Johann Carter irrefera ghal dak li kien sehh bejn l-10.00 p.m. u l-11.00 p.m. Matul l-istess xhieda, x-xhud esebixxa wkoll in-notamenti li rrefera ghalihom waqt ix-xhieda tieghu, liema notamenti esebiti a fol. 28 tal-process, jirreferu ghall-hin ta' bejn l-22.30 u l-23.00, meta x-xhud sema' xi ghajjat gej mid-divizjoni u kien ghalhekk illi huwa mar jara x'kien qieghed iwassal ghal dan l-istorbju. L-istess jghid ix-xhud dwar il-hin li fih sehh dan l-incident meta rega' xehed fit-28 ta' Ottubru 2015 u cioe` li bejn l-10.00 p.m. u l-10.30 p.m. beda jinstema' storbju fid-divizjoni ossia fis-sezzjoni YOURS, f'liema hin, l-imputat odjern beda jghajjat lill-prigunier iehor, Massimo Caruana, biex jaghtih xi sigaretti. Dak il-hin, iz-zewg prigunieri kienu maqfulin fic-celel rispettivi taghhom. Jghid illi l-imputat ried jaghti xi sigaretti lil Carurana, izda meta huwa mar jiccekkja jekk verament Caruana riedx sigaretti, dan tal-ahhar qallu li huwa kellu hafna sigaretti u li ma kienx jaf ghaliex Cremona ried jaghtih is-sigaretti. Mar fic-cella tal-imputat li da parti tieghu beda jinsisti max-xhud sabiex dan jghaddi s-sigaretti lil Caruana u li f'idejh l-imputat kellu tliet sigarretti Rothmans u sigarett tal-brim. Stante li huwa kien diga` kkonferma ma' Caruana li dan kellu s-sigaretti, gih suspett li kien hemm xi haga fis-sigaretti li kien qieghed joffri l-imputat u ghalhekk ha s-sigaretti minghand l-istess imputat u flimkien mal-Maggur Bugeja, fethu s-sigarett tal-brim u fih sabu pakkett. Wara infurmaw b'dan lill-awtoritajiet u lill-pulizija.

Fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2016, rega' xehed ukoll il-Maggur Franklin Bugeja li madankollu ma kienx cert fix-xhieda tieghu u izjed ma ftakarx milli ftakar id-dettalji tal-kaz. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti ma tqisx illi din ix-xhieda hija importanti ghal fini tal-konkluzjonijiet li ser tasal ghalihom.

Jirrizulta wkoll mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[5], illi huwa gie moghti s-segwenti dokument ghall-analizi tieghu u cioe` *envelope* kannella li kien issigillat u li kien fih: i) pakkett tas-sigaretti Rothmans li fih 4 sigaretti u *lighter* u (ii) borza tal-plastik trasparenti li fiha sustanza ta' lewn kannella u zewg bicciet karti li wahda minnhom kien fiha trab ta' lewn kannella. Skont l-istess relazzjoni, id-dokument instab posittiv ghall-Nikotina u ghas-sustanza Eroina, bhala tracci. Fil-konkluzjonijiet tieghu, l-istess espert jghid illi fl-estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella fl-imsemmi dokument, instabet is-sustanza eroina.

**Ikkunsidrat ukoll:**

[5] Din tifforma parti mill-process verbal li jinsab esebit a fol. 19 tal-process.

It-tahrika odjerna tirreferi ghas-17 ta' Ottubru 2009, ghall-habta tal-10:30 a.m. u zminijiet ta' qabel din id-data, gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Jirrizulta car mill-atti illi l-imputat gie akkuzat talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina talli fil-jum indikat fl-istess tahrika, huwa allegatament ghadda xi sigaretti lil CO 163 Johann Carter, inkluz sigarett tal-brim li kien jikkontjeni d-droga eroina, sabiex dan jigi mghoddi da parti tal-imsemmi Ufficjal tal-Habs, lil prigunier iehor fl-istess divizjoni ossia lil certu Massimo Caruana. Biss mix-xhieda u mill-provi fuq indikati, huwa evidenti illi l-allegati fatti jirreferu ghal dak li sehh ghall-habta tal-10:30 p.m. tal-imsemmi jum u mhux ghall-habta tal-10:30 a.m., kif gie indikat fit-tahrika odjerna.

Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. ...*"

Fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2015, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre` Falzon**, fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-fatt illi f'dak il-kaz l-appellant kien gie akkuzat talli wettaq reat f'data partikolari meta fil-fatt kien jirrizulta mill-atti u mill-provi mressqa illi l-fatti li wasslu ghall-imputazzjonijiet in kwistjoni kienu sehhew f'data ohra li ma kinitx dik indikata fit-tahrika, il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ghal sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti, diversament preseduta, fit-18 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**. F'dak il-kaz, fejn l-appellant kien gie akkuzat talli wettaq reati li allegatament sehhew ghall-habta tas-7.30 p.m., meta l-provi mressqa kienu lkoll jirreferu ghal incident li sehh ghall-habta tas-7.30 a.m., il-Qorti qalet hekk:

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament.*"

Wara li fil-kaz **<u>Il-Pulizija vs Andre` Falzon</u>**, il-Qorti rreferiet ukoll ghal sentenzi ohrajn li rriaffermaw dan il-principju[6], kompliet hekk:

"*Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l-akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussistu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati.*"

Bl-istess mod, ghalhekk, applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti tqis illi la darba l-imputazzjoni odjerna tirreferi ghas-17 ta' Ottubru 2009, ghall-habta tal-10:30 a.m., meta l-allegati fatti li taw lok ghall-imputazzjoni odjerna sehhew ghall-habta tal-10:30 p.m. tal-istess jum, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu. Tqis ukoll illi m'hemm xejn fl-atti li jirreferi ghal dak li seta' sehh fiz-zminijiet ta' qabel, ai termini tat-tahrika odjerna, izda anzi kif inghad jirrizulta car mill-provi prodotti illi l-imputazzjoni in kwistjoni gie addebitata lill-imputat a bazi ta' dak li allegatament sehh fis-17 ta' Ottubru 2009, ghall-habta tal-10:30 p.m.

Ghaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputat ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

L-imputat gie wkoll addebitat bir-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9. Naturalment, la darba m'hijiex qed tinstab reita` fl-imputat ai termini tal-ewwel imputazzjoni, isegwi wkoll illi l-imputat lanqas ma jista' jitqies bhala recidiv.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet, kif dedotti fil-konfront tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li

[6] **<u>Il-Pulizija vs Warren Piscopo</u>** u **<u>Il-Pulizija vs Rita Theuma</u>**, it-tnejn decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ottubru 2011.

jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat